MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1891/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Maya Electronics Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija tlieta u sebghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm1373.41) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 21416611, 21419094 u s/c004332 b'l-imghaxx mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikata b’l-avviz fit-22 ta’ Dicembru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ elf tlett mija tlieta u sebghin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm1373.41) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------